# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Każ Nru 3685/FM

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Avv. Edward Mizzi (ID 136586M) a nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Murad Haman (detentur tal-Passaport Libjan JZKHFNY4)

U

LAP Suisse-Malta (OC 840) u

Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw is-Socjeta' estera LAP (Suisse) SA registrata taht numru 12120/2006 fl-indirizz Rue du Rhone 65, c/o Meyerlustenderger Lachenal, avocats, 1204 Geneve, l-Isvizzera

## DIGRIET

**Chairman: Franco Masini**

Qabel ma nbeda' jinstema' il-Każ, Nedal Eltriki bħala Kuratur Deputat tas-Soċjetà Estera LAP (Suisse) SA registrata taħt in-numru 12120/2006 c/o Meyerlustenberger Lachenal, advocats, 1204 Geneve, l-Isvizzera eċċepixxa f'isem is-Soċjetà n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal u dan peress illi dan il-każ jikkonċerna allegat tkeċċija ta' impjegat b'kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss u t-Tribunal m'għandux kompetenza biex jikkunsidra u jiddeċiedi każijiet u/jew ilmenti bħal dan li ma humiex wieħed minn dawk li jissemmew fl-artikolu 75(1)(a) u (b) tal-Kap 452.

Fis-seduta tal-10 ta' April 2019 qabel ma beda' jinstema' l-każ it-Tribunal sema' l-partijiet.

Wara li  kkunsidra dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet,

Ra l-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452  fejn fid-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta jissemma biss kuntratt għal żmien indefinit,

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sedenti l-Imħallef Anthony Ellul tal-25 ta' Jannar 2019 (Appell Numru: 35/2018) Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta.

Jiddeċidi li t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza li jisma' u  jiddeċidi dan il-każ li huwa dwar tkeċċija allegatament inġusta.

A tenur ta' l-Artikolu  741 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-Tribunal Industrijali jordna li l-atti tal-proċeduri ta' dan il-każ jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni tiegħu.

Illum :  15 ta' April 2019

Franco Masini

Chairman